**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 7 ta' Frar 2018**

Numru: 1

**Rikors Nru. 69/2018**

**Wara Mandat tal-Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar 'il fuq minn ghaxar metri ezekuttiv numru 1609/2017 datat 6 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet**
**TCA Global Credit Master Fund LP,**
**registrata fl-Istati Uniti tal-Amerika, rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Louis Cassar Pullicino**
**vs**
**m.v. SOFIA (IMO No. 9405617)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tal-25 ta' Jannar 2018 li jghid hekk:

Illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tal-bastiment intimat fl-ammont ta' seba' miljun mitejn u hdax-il elf u mija u tnejn u hamsin dollaru Amerikan (US$7,211,152.00), ekwivalenti ghal sitt miljun seba' mija u wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u disgha u tmenin euro u sitta u sittin centezmu (EUR6,721,989.66);

Illi dan l-ammont huwa garantit mis-sidien tal-bastiment intimat Nepheli Marine Company, socjeta imwaqqfa fil-Liberia in konnessjoni ma' ammonti avvanzati b'titolu ta' self, salvi imghaxijiet ulterjuri u liema kreditu gie kawtelat in forza ta' First Preferred Panamanian Mortgage datat 26 ta' Frar 2015 li gie iskritt fir-registru tal-bastiment intimat in kawtela ta' ammont globali ta' US$6,050,000.00 oltre ammonti ohra li lkoll flimkien jifformaw Guaranteed Obligations kif mfissra f'Guarantee li giet konkluza mis-socjeta Nepheli Marine Company a favur tas-socjeta mittenti fil-31 ta' Dicembru 2014;

Illi permezz ta' ittra ufficjali li giet prezentata fid-9 ta' Jannar 2017 u notifikata dak in-nhar stess is-socjeta rikorrenti interpellat lill-bastiment intimat sabiex ihallas l-ammont dovut hawn fuq imsemmi izda sallum ma sar l-ebda pagament;

Illi minbarra dan l-ammont li gie kanonizzat permezz tal-imsemmija ittra ufficjali, is-socjeta rikorrenti inkorriet diversi spejjez in konnessjoni mal-manutensjoni u operat tal-bastiment kemm ilu hawn Malta mizmum u dwar liema spejjez tirriserva d-drittijiet taghha;

Illi skont il-ligi u permezz tal-ittra ufficjali hawn fuq indikata, l-ipoteka navali, ossija l-First Preferred Panamanian Mortgage li gie iskritt fir-registru tal-bastiment intimat in kawtela tal-kreditu tas-socjeta rikorrenti giet reza titolu ezekuttiv a tenur tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234;

Illi fic-cirkostanzi s-socjeta rikorrenti ghandha interess li tipprocedi ghall-bejgh tal-bastiment intimat li ghandu jigi approvat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12;

Illi skont l-art. 358 tal-Kap. 12 dina l-Qorti ghandha s-setgha fuq talba ta' kreditur li ghandu titolu ezekuttiv, li tapprova l-bejgh privat favur xerrej identifikat u versu l-hlas ta' prezz determinat;

Illi a tenur tal-artikolu 359 tal-Kap. 12, is-socjeta rikorrenti qieghda tannetti ma' dan ir-rikors zewg stimi dettaljati kif rikjest mill-ligi, wahda maghmula mill-Inginier Paul Cardona li jaghti stima ta' bejn US$1.6 miljun u US$1.8 miljun u l-ohra maghmula mill-Inginier Daniel Grima li jaghti stima ta' bejn US$1.5 miljun u US$2 miljun. Kopji ta' dawn iz-zewg stimi jinsabu hanwn annessi;

Illi matul dawn l-ahhar sena u nofs is-socjeta rikorrenti ghamlet diversi tentattivi sabiex issib terzi interessati bil-ghan li jakkwistaw l-imsemmi bastiment intimat u anke inkarigat brokers internazzjonali ghal dan il-ghan izda ma ntlahaq ebda ftehim li seta wassal ghall-bejgh tal-bastiment favur terzi;

Illi s-socjeta rikorrenti ghalhekk ghandha interess li takkwista l-bastiment intimat u ghal dan il-ghan waqfet socjeta sussidjarja gewwa r-Repubblika tal-Marshall Islands sabiex takkwista l-bastiment intimat u ghamlet offerta ghall-akkwist tal-imsemmi bastiment versu l-prezz ta' miljun u sitt mitt elf dollaru Amerikan (US$1.6 miljun) kif jirrizulta mill-Memornadum of Agreement datat 23 ta' Jannar 2018, kopja tieghu qed tigi hawn annessa;

Illi l-imsemmija offerta tinkwadra ruhha fil-valuri indikati fl-istimi annessi;

Illi ai termini tal-artikolu 360 tal-Kap. 12 qed jigi dikjarat illi sar mandat iehor fil-konfront tal-bastiment intimat fl-ismijiet "Dr Tonio Grech noe vs Il-Bastiment m.v. Sofia" numru 1840/2016 u kopja ta' dan ir-rikors ser issir lill-imsemmi Dr Tonio Grech nomine;

Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti umilment titlob li dina l-Onorabbli joghgobha:-

1. Tapprova l-bejgh privat tal-bastiment intimat m.v. SOFIA a favur tas-socjeta esponenti TCA Global Credit Master Fund LP animo compensandi u dan versu l-

prezz ta' miljun u sitt mitt elf dollaru Amerikan (US$1.6 miljun) u taht kull patt u kondizzjoni opportun li jidhrilha xieraq dina l-Qorti u ghal dan il-dan il-ghan tahtar bhala kuratur lill-Avukat Kris Borg bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi inkluz l-artikolu 364 tal-Kap. 12;

2. Taghti kull provvediment iehor opportun skont ic-cirkostanzi tal-kaz.

Bl-ispejjez.

Rat li d-difensur tal-kreditur KPI Bridge Oil Ltd tal-vapur ma jopponix ghal bejgh mitlub basta li l-kreditu jigi kawtelat kif jidher li hu mitlub fir-rikors promotur;

Rat li r-rikors thalla ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta' prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Is-socjeta rikorrenti ghandha kreditu naxxenti minn self lis-socjeta Nepheli Marine Company sidien tal-bastiment in kwistjoni kawtelat permezz ta' First Preferred Panamanian Mortgage datat 26 ta' Frar 2015 liema kreditu cioe mortgage gie iskritt fir-registru tal-bastiment intimat flimkien ma' ammonti ohra li jifformaw Guaranteed Obligations kif mfissra f'Guarantee li giet konkluza mis-socjeta Nepheli Marine Company a favur tas-socjeta rikorrenti fil-31 ta' Dicembru 2014.

Id-debitur baqa' ma hallas l-ammont dovut u ghalhekk kien responsabbli ghal default skond l-imsemmi kuntratt u fl-21 ta' Ottubru 2016 is-socjeta debitrici giet notifikata bid-default.

B'ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar 2017 notifikata fl-istess jum lil bastiment intimat in segwitu ghal notice of default datat 2 ta' Dicembru 2016, is-socjeta rikorrenti interpellat lil bastiment intimat biex tithallas l-ammont dovut izda baqghet inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 u

l-artikolu 42 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta' ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma' esekuzzjoni ta' ipoteka navali.

Gie esebit ukoll parir legali tad-ditta Arias Fabrega & Fabrega tat-28 ta' Dicembru 2016 u jikkonferma li l-first preferred mortgage tas-26 ta' Frar 2015 jissodisfa r-rekwiziti legali tal-artikolu 49 tal-Kap. 234 u ghalhekk l-imsemmi mortgage esteru ghandu jkun rikonoxxut u rez ezegwibbli hawn Malta bhala ipoteka navali taht il-Kap. 234.

Peress illi ipoteka navali ossija first priority right of mortgage hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti u intimazzjonijiet li saru illi s-socjeta rikorrenti ghandha kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12 u li bl-ittra ufficjali fuq imsemmija rrenda t-titolu ezegwibbli.

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li tigi awtorizzata tbiegh il-vapur m.v. SOFIA proprjeta tas-socjeta debitrici Nepheli Marine Company b'mod privat animo compensandi cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hi esebiet fl-atti zewg stimi indipendenti tal-valur cioe tal-Inginier Paul Cardona u l-Inginier Daniel Grima; u offerta tas-socjeta TCA Maritime Ventrues Inc., u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-ewwel stima hi ta' bejn US$1.6 miljun u US$1.8 miljun; it-tieni hi ta' bejn US$1.5 miljun u US$2 miljun. L-Inginier Grima spjega illi l-valur jiehu in kunsiderazzjoni l-eta tal-bastiment inkluz is-suq f'dan il-mument u l-fatt li din is-sena l-vapur ghandu jissottometti ruhu ghall-ispezzjonijiet u drydocking ghal class renewal u certifikati ohra li huma kostuzi.  L-Inginier Cardona spjega li l-valutazzjoni hadet in konsiderazzjoni l-eta, it-tip ta' makkinarju abbord u l-kundizzjoni incerta tal-'internal hall structure'.

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta rikorrenti animo compensandi bil-valur ta' US$1.6 miljun u dan wara li gie rexiss il-Memorandum of Agreement tat-23 ta' Jannar 2018 ma' kumpratur prospettiv TCA Maritime Ventures Inc. liema bejgh kien ghall-istess prezz. Din l-offerta tidhol fil-parametru tal-istimi

indipendenti. Il-Qorti tqis li l-offerta hi vantagguza fic-cirkostanzi billi tissupera ukoll il-valuri tal-istimi indipendenti inkluz li l-vapur bhalissa hu mizmum Malta u ilu xhur hekk mizmum u ghalhekk iz-zmien hu fattur negattiv ghal prospetti ta' bejgh tal-vapur.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandux isir. Ghalkemm il-ligi tispecifika xerrej maghruf fl-artikolu 358, ma jidhirx li hemm xejn fil-ligi milli x-xerrej maghruf ikun l-istess kreditur li qed jitlob il-bejgh bi tpaccija tal-kreditu jew parti minnu dovut lilu u dan dejjem jekk jigu sodisfatti ir-rekwiziti tal-artikolu 358. Ma jidhirx f'dan il-kaz, skond ma jirrizulta fl-atti, li hemm xi oppozizzjoni jew oggezzjoni ghal modalita tal-bejgh minn xi kreditur iehor jew terz interessat.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment m.v. SOFIA lis-socjeta estera TCA Global Credit Master Fund LP animo compensandi u dan versu l-prezz ta' miljun u sitt mitt elf dollar Amerikan (US$1.6 miljun) liema bejgh animo compensandi ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12; u ghal dan il-ghan tahtar lil Avukat Kris Borg sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikolu 364 tal-Kap. 12, u bl-ezenzjoni tal-kreditur li jiddepozita l-prezz fir-registru tal-Qorti skont l-artikolu 363 tal-Kap. 12. Spejjez ghall-intimat bastiment.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur